**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 56/2018 AF**

**Farstone Construction and Restoration Limited (C-30589)**

**vs**

**VLT Boutique Limited (C-65817)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Farstone Construction and Restoration Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti Farstone Construction and Restoration Limited giet inkarigata sabiex twettaq xoghol ta' kostruzzjoni u ta' restawr fil-fond numru 95, 98, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, b'kuntratt li kien sar f'Gunju 2015 wara sejha ghal tenders mis-socjetà intimata.

Is-socjetà rikorrenti wettqet diversi xogholijiet ta' kostruzzjoni skond il-kuntratt liema xogholijiet gew verifikati u certifikati bhala tajbin u utli mill-perit inkarigat sabiex jissorvelja x-xogholijiet.

Minkejja li kienu saru diversi xogholijiet is-socjetà intimata naqset li thallas l-ammonti minnha dovuti fit-termini tal-kuntratt u ghada debitrici lejn is-socjetà fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u ghoxrin Ewro u erbatax-il centezmu (€25,822.14), liema debitu huwa formanti parti minn somma akbar u dan skond l-invoice hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet kemm bil-fomm u kif ukoll bil-miktub sabiex is-socjetà intimata thallas l-ammont minnha dovut baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà VLT Boutique Ltd hija debitrici lejn is-socjetà Farstone Construction and Restoration Limited.

2. Tillikwida l-bilanc li ghadu dovut mis-socjetà intimata lis-socjetà attrici, okkorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi, fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u ghoxrin Ewro u erbatax-il centezmu (€25,822.14) jew somma ohra verjuri.

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas is-somma hekk likwidata bl-imghax kummercjali skond il-ligi sad-data ta' pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja d-debita notifika tal-kawza, s-socjetà VLT Boutique Limited baqghet ma wegbitx ghall-kawza.

Rat in-nota tas-socjetà rikorrenti li permezz taghha rriduciet it-talba ghal €25,700.

Rat in-nota ta' VLT Boutique Limited li permezz taghha hija ammettiet it-talba attrici kif ridotta.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' Farstone Contruction and Restoration Limited;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li ghadu dovut lill-istess Farstone Construction and Restoration Limited bilanc ta' hamsa u ghoxrin elf u seba' mitt ewro (€25,700);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil VLT Boutique Limited thallas lil Farstone Construction and Restoration Limited is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u seba' mitt ewro (€25,700) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG